**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 29 ta' Mejju, 2018

Rikors Nru : 304/17 AL

**AB**

**Vs**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

Illi l-partijiet izzewgu fil-25 ta' Frar 1978 gewwa Birkirkara, certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. A.

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Burlo datat tnax (12) t'April tas-sena elf disa` mija wiehed u disghin (1991) kopja tal-istess kuntratt qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. B.

Illi l-partijiet ilhom ma jghixu flimkien ghal diversi snin, u certament mid-data tas-separazzjoni personali.

Illi l-esponenti jissottometti illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejniethom.

Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut la lejn l-intimata, la favur tal-esponent u la-nqas favur il-wild ta' bejn il-partijiet u cioe Noel Farrugia peress li llum l-imsemmi tifel huwa maggorenni.

Illi ghalhekk dawn il-fatti jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili.

Talab li l-intimata tghid ghaliex lil din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien mholli ghal daqshekk minn din l-Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan id-divorzju jigi registrat kull fejn opportun fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-11 ta' Settembru, 2017;

Rat illi ir-rikorrenti ikkonferma ir-rikors promotur bil-gurament tieghu;

Rat illi l-intimata, fuq domanda tal-Qorti, wiegbet li ma ghandha l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-12 ta' April, 1991;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.